MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 535/2005

**Is-Socjeta` GDL Trading and Services Limited (C-7390)**
**vs**
**Facciol Carmel (ID. 667859M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm1356.17), liema somma tirraprezenta bilanc ta' somma akbar, ghal diversi konsenji ta' gugarelli u merca ohra konsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fil-hanut tieghu « Toy Mart » (ta' Triq Sammut, Rahal Gdid). Dan l-ammont, parti minn ammont akbar dovut, jirraprezenta l-fatturi bin-numri : 52533, 52727, 52811, 52835, 52900, 53196, 53330, 53384, 53397, 53533, 53537, 53552, 53635, 53880, 53882 u 54095.**

**Minkejja li l-konvenut gie interpellat ghal diversi drabi sabiex ihallas l-ammont fuq imsemmi, li huwa cert, likwidu u dovut minnu, huwa baqa' inadempjenti.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2004, dawk tal-mandati ta' sekwestru u ta' qbid ipprezentati kontestwalment mal-avviz, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta prezentata fil-11 ta' Marzu, 2005, fejn intqal :**
**Illi l-ammont mitlub qed jigi kontestat peress li ghandu jirrizulta li l-bilanc huwa nferjuri in vista tal-fatt li fl-ewwel lok qed jintalab ammont ghall-fatturi inezistenti u cioe` dawk bin-numri a. 53330, b. 53882 u c. 54095, u inoltre kwalsiasi bilanc kellu jigi pacut in toto jew in parte ma' commission dovuta lill-konvenut mill-istess socjeta` attrici fuq bejgh li kien jaghmel ghan-nom taghha bhala mpjegat taghha.**
**Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ngunta ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmel Facciol u Ray Agius. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta attrici qed titlob bilanc ghal konsenja ta' gugarelli u merci ohra konsenjati lill-konvneut fil-hanut Toy Mart. Il-konvenut jghid illi l-ammont huwa inferjuri peress illi l-fatturi numri 53330, 53882 u 54095 huma inezistenti. In oltre qed jinghad illi l-bilanc kellu jigi pacut ma commission dovuta lilu.**
**2. Il-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici minn Marzu, 1999 sa Jannar, 2004 u apparti paga basika kellu commission fuq l-biegh, li kienet ta' 3%. Il-konvenut qed jghid illi ma kienx inghata l-commission kollha fuq il-biegh u kkalkula li ghad ghand jiehu ammont ta' Lm600.00 bhala commission.**
**3. Mid-Dok B esebit iffirmat mill-istess konvenut jindika f'dan il-prospett illi l-ammont imhallas ghat-**

**terminazzjoni tal-impjieg kien ta’ Lm650.00 u li ghad fadalu jiehu bilanc ta’ Lm829.18. Skond il-konvenut il-commission johoda fuq il-pagament u mhux fuq il-biegh.**

**4. Skond ma jghid Ray Agius accountant tas-socjeta attrici, il-konvenut kien jithallas commission fuq invoices li kienu setteled. Jirrizulta li l-konvenut tkecca mill-kumpanija fl-ahhar ta’ Jannar, 2004. Jirrizulta li l-kumpanija kienet iddecidiet illi s-salesman jitlef id-dritt tal-commission fuq invoices li ma jkunux thallsu fi zmien sena. L-istess Agius esebixxa l-inkartament Dok RA1 li juri l-kalkoli li xehed fuqhom. Jghid ukoll illi huma kienu tawh ammont ta’ commission ghalkemm il-flus ma kienux ingabru u dan fil-mument li spicca minn maghhom.**
**5. Tenut kont ta’ dak li ntqal ma jirrizultax li gie ppruvat li ghad hemm xi commission jew flus ohra li ghadhom dovuti lill-konvenut, pero’ jirrizulta illi ghad hemm l-ammont mitlub skond l-invoices imsemmija u dan fl-ammont ta’ elf tlett mija sitta u hamsin lira Maltija u sbataxx il-centezmu (Lm1,356.17c).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf tlett mija sitta u hamsin lira Maltija u sbatax il-centezmu (Lm1,356.17c), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjes ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Settembru, 2004, u dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbidipprezentati kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------